
Salm 23
Il-Mulej hu
r-ragħaj tiegħi,
xejn ma jonqosni


F'mergħat kollha ħdura jqegħedni.
Ħdejn l-ilma, fejn nistrieħ, jeħodni;
hemm hu jrejjaqni.


Imexxini fit-triq tas-sewwa
minħabba l-isem tiegħu.


Imqar jekk nimxi
f'wied mudlam,
ma nibżax mill-ħsara,
għax inti miegħi.
Il-ħatar tiegħek
u l-għasluġ
tiegħek,
huma jwennsuni.


Int tħejji mejda għalija
quddiem l-għedewwa tiegħi.
Biż-żejt tidlikli rasi,
u l-kalċi tiegħi tfawwarli.


Miegħi, iva, jimxu
t-tjieba u l-ħniena
il-jiem kollha ta' ħajti.


U ngħammar f'dar il-Mulej
sakemm indum ħaj!